MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2012

Rikors Numru. 165/2012

**AB**

**vs**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettiet:

1. Illi l-partijiet izzewgu nhar il-15 t'Awissu, 1974 u sseparaw b'kuntratt tad-9 ta' Lulju, 1990 (in atti Not. G Spiteri Maempel) Dok A;

2. Illi z-zewgt itfal tal-partijiet kibru u huma maggorenni - wiehed ghandu 27 sena u l-ohra ghandha 36 sena;

3. Illi l-partijiet kienu rrinunzjaw ghall-manteniment b'mod reciproku;

4. Illi m'hemmx lok ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Talbet li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

Tippronunzja t-temma taz-zwieg ossija divorzju bejn il-partijiet ai termini tal-artiklu 66B tal-Kodici Civili nostran.

Rat id-digriet taghha tas-16 ta’ Marzu, 2012;
Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Semghet lill-partijiet jixhdu bil-gurament taghhom;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul; u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom separati b’kuntratt tad-9 ta’ Lulju 1990;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi z-zewgt itfal tal-partijiet illum huma maggorenni u illi l-partijiet kienu irrinunzjaw ghall-manteniment b’mod reciproku;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------